# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Marzu,2022**

**Numru**

**Rikors Numru 447/2019 TA**

**Bernice Mifsud u Noel Mifsud (K.I. Nru 453890(M) u (364087(M)**

**vs.**

**Kevin Sciberras (K.I. Nru 247873M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-Atturi ppreżentat fit-8 ta' Mejju 2019 u maħluf fl-istess jum mill- Attriċi Bernice Mifsud li permezz tiegħu talbu s-segwenti:-

> 1."Illi fil-preparamenti għat-tieġ tagħhom l-atturi konjugi Mifsud, inkarigaw lill-konvenut Kevin Sciberras li jiġġesti servizz ta' fotografija u filmati taħt l-isem ta' Digital Eye Photography, sabiex joħdilhom u jipproduċi fotografija u filmati ta' l-okkazzjoni tat-tieġ tagħhom li seħħ nhar is-sebgħa u għoxrin ta Mejju tas-sena elfejn u sbatax [27/05/2017] skond ftehim pattwit bejn il-partijiet versu ħlas hemm mifthiem u dan kif solitu isir fl-okkażżjonijiet ta' din ix-xorta;

2.Illi r-rikorrenti ħallsu lill-intimat l-ammont lilu dovut fl-intier tiegħu u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;

3.Illi l-ftehim kien illi l-intimat Kevin Sciberras kien ser jikkonsenja r-ritratti u l-filmat tat-tieġ erbgħa xhur wara li jagħżlu r-ritratti tagħhom;

4.Illi f'Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa għadda s-sett ritratti b'mod diġitali senjatament fuq CD sabiex l-istess rikorrenti jagħmlu l-għażla tagħhom;

5.Illi f'April tas-sena elfejn u tmintax (2018), l-istess rikorrenti infurmaw lill-intimat b' l-għażla tagħhom, iżda minkejja t-trespass ta' aktar minn sena, l-intimat naqas milli jonora l-obbligi tiegħu u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;

6.Illi l-esponenti interpellaw lil konvenut biex jipproduċilhom il-filmati u r-ritatti skond ma kien miftiehem illi jagħmel iżda minkejja d-diversi interpellazzjonijiet, naqas li jissuplixxi l-istess lill-atturi, inkluż permezz ta' ittra interpellatorja;

7.Illi l-esponenti taf dawn il-fatti personalment u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex ma għandiex din l-Onorabbli Qorti, previa kull ordni u dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni jew meħtieġa fiċ- ċirkostanzi:

1.**Tikkundannaħ** sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, jgħaddi il-fotografiji u filmati li huwa obliga ruħħu li jipproduċi lill-atturi, liema fotografiji u filmati għandhom ikunu ta' kwalita tajba skond is-sengħa u l-arti.

2.Fin-nuqqas dina l-Qorti **timponi** fuq il-konvenut penali li jidrilha xierqa skond iċ-ċirkostanzi sabiex jiġi assikurat l-adempiment ta l-obbligi kuntratwali assunti mill-istess konvenut fil-konfront ta' l-atturi kif fuq ingħad.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa huwa mħarrek sabiex jidher għas-subizzjoni."

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Konvenut Kevin Sciberras preżentata fl-4 ta' Novembru 2019 u maħlufa minnu fl-istess jum li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

1."Illi kif mistqarr mir-rikorrenti stess fir-rikors tagħhom, l-intimat kien inkarigat mir-rikorrenti li jiġġesti servizz ta fotografija u filmati taħt l-isem ta' Digital Eye Photography, sabiex joħdilhom u jipproduċi fotografija u filmati ta' l-okkazzjoni tat-tieġ tagħhom.

2.Illi fil-mori, u kif mistqarr mir-rikorrenti stess, **wara sena u ċioe fis-17 t'April 2018** ġie ċċelebrat it-tieġ tagħhom,fl-istess rikorrenti infurmaw l-intimat bl-għażla tagħhom.

3.Illi wara diversi messaġġi u telefonati minn naħa ta' l-intimat, aktar minn sena wara li ġie iċċelebrat it-tieġ tagħhom, ir-rikorrenti ħallsu għas-servizz tal-intimat.

4.Illi kif se jiġi pruvat fil-mori ta' din il-kawża, kien dak il-ħin li l-intimat seta' jibda jlesti r-ritratti u l-filmat tat-tieġ tagħhom.

5.Illi kif se jiġi pruvat fil-mori ta' din il-kawża, peress illi r-rikorrenti damu aktar minn sena biex jinfurmaw lill-intimat bl-għażla tagħhom, kif ukoll biex iħallsu l-ammont dovut minnhom, l-intimat kien daħal fi ftehim ma persuni oħra u għalhekk kellu obbligu li jonora dan il-ftehim.

6.Illi minħabba d-dewmien tar-rikorrenti biex jinfurmaw lill-intimat bl-għażla tagħhom, l-intimat ma setax ilesti x-xogħol inkarigat mir-rikorrenti fi żmien ikkonċedut lilhom.

7.Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, għar-rigward tat-tieni talba, r-rikorrenti għandhom iġibu l-prova tal-ftehim li l-intimat li kellu jikkonsenja r-ritratti u l-filmat tat- tieġ tagħhom erbgħa xhur wara li għażlu r-ritratti tagħhom.

8.Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, ir-rikorrenti għandhom ukoll iġibu l-prova tal-ittra interprellatorja li r-rikorrenti intavolaw kontra l-intimat.

9.Illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni minn naħa ta' l-intimat illi jikkonsenja l-fotografiji u filmati li huwa kien obbliga ruħu li jipproduċi lir-rikorrenti, liema fotografiji u filmati huma bla dubbju ta' kwalità tajba skond is-sengħa u l-arti.

10.IIIi l-intimat m'għandux għalfejn ibati l-ispejjeż ta' dan il-każ.

11.B'riserva li jiġu preżentati risposti u últerjuri jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti minn issa nġunti għas-subizzjoni.”

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-11 ta’ Jannar 2022 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**<u>Punti ta’ fatti:</u>**

Il-vertenza odjerna tirrigwarda ilment mill-Atturi qua konsumaturi kontra l-Konvenut qua kummerċjant. Skont l-Atturi, il-Konvenut ma onorax il-ftehim li jipproduċi lilhom il-filmati u r-rittratti tat-tieġ tagħhom fiż-żmien miftiehem.

Jirriżulta inkontestat mill-atti li l-Atturi żżewġu fis-27 ta’ Mejju 2017 (ara premessa 1 a’ fol 1 u affidavit attriċi para 1 a’ fol 13). Ir-ritratti ġew magħżula minnhom fis-16 t’April 2018 wara li l-Konvenut għaddielhom is-CD għal dan l-iskop (ara e-mail Dok F a’ fol 24). Il-Konvenut jgħid li huwa għaddielhom din is-CD xi ġimgħatejn wara t-tieġ (ara xhieda a’ fol 46). Madanakollu joħroġ mill-korrispondenza preżentata mill-Atturi (a’ fol 64) li l-Konvenut fil-fatt għaddha din is-CD f’xi data wara s-6 ta’ Settembru 2017.

L-Atturi jgħidu li huma interpellaw lil konvenut bil-miktub biex jipprovdilhom il-filmati u r-ritratti tagħhom (ara premessa 6). Minkejja din il-premessa ma ġiet preżentata l-ebda ittra interpellatorja f’dan is-sens. Il-Konvenut minn naħa tiegħu jinsisti li ma ġie notifikat bl-ebda ittra bħal din (ara xhieda a’ fol 124).

Sal-preżentata ta’ din l-azzjoni fit-8 ta’ Mejju 2019, il-Konvenut kien għadu ma għaddhiex ir-ritratti hemm magħżula. Madanakollu, fil-mori ta’ dawn il-proċeduri, l-Konvenut ddikjara li l-filmat u r-ritratti huma llum lesti u ilhom lesti sa minn Marzu tas-sena 2019 (ara fol 44 faċċata 2 et seq).

Il-Konvenut jgħid li huwa lest li jgħaddi lill-Atturi dan il-materjal wara li huma jeffettwaw xi ħlas pendenti fl-ammont ta' mitejn Ewro (€200) (ara xhieda a' fol 41 u fol 121). L-Atturi minn naħa tagħhom jinsistu li huma effetwaw lill-Attur il-ħlas kollu dovut lilu (ara affidavit attriċi a' fol 13, xhieda attriċi a' fol 115).

Jirriżulta mill-atti li l-veru tħassib tal-Konvenut ma hijex il-pendenza ta' dan il-pagament *per se*, iżda l-ispejjeż ġudizzjari li l-Atturi qed jintimawħ iħallas (ara xhieda Konvenut a' fol 123: "*Jiġifieri jiena x-xogħol lest, nista' nagħtihulom. Però huma qed jiġġieldu għall-ispejjeż. Jiena mhux ħa noħroġ xi 1,000 oħra spejjeż, plus li nagħtihom ix-xogħol f'idejhom b'xejn qed tifhem?*").

Joħroġ mit-taxxa *come ceduta* mhux uffiċjali, mehmuża mal-qoxra tal-proċess ta' din il-kawża, li sal-31 t'Ottubru 2019 l-ispejjeż tal-Atturi kienu jammontaw għal €745.80.

**<u>Punti ta' Liġi:</u>**

Il-Kawża tittratta dwar inadempjent kuntrattwali. L-konvenut kien inkarigat li jieħu r-ritratti tat-tieġ tal-Atturi. Għalhekk irid iwieġeb għall-ksur tal-obbligi tiegħu abbażi ta' dan l-inkarigu. L-Atturi setgħu ukoll jipprovaw jirrisolvu l-ilment tagħhom billi qua konsumaturi jmexxu fil-konfront tal-Attur qua kummerċjant quddiem it-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi bis-saħħa ta' liġi speċjali li hi l-Kap. 378.

Il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal madanakollu ma hijiex waħda esklussiva "*u l-għażla tkun f'idejn il-konsumatur dwar jekk għandux iġib azzjoni kontra kummerċjant quddiem tribunal jew quddiem il-qrati ordinarji*" (artikolu 20(2) tal-Kap. 378).

**Konsiderazzjonijiet:**

L-Atturi konsumaturi ġabu l-azzjoni tagħhom quddiem din il-Qorti. Huma għalhekk għażlu li ma jsegwux il-proċedura ta' medjazzjoni quddiem id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) stabbilita fl-artikolu 23 (4). Din il-proċedura twassal għal azzjoni quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi f'każ li ma jkunx intlaħaq ftehim fit-terminu hemm preskritt.

B'din l-għażla l-Atturi ċaħdu lilhom infushom mill-opportunitá li jirrisolvu l-kwistjoni bonarjament quddiem id-Direttur (Affarijiet tal-Konsumatur) u assoġġettaw lilhom infushom għal spejjeż ġudizzjarji ferm iktar onerużi min dawk stabbiliti għal ilmenti ntavolati quddiem it-Tribunal imsemmi (ara tariffi fl-ewwel skeda tal-L.S. 378.01) u kif ukoll li jitolbu danni morali, li altrimenti quddiem il-Qrati ordinarji ma jistgħux jingħataw.

Kif senjalat fil-fatti supra, sal-31 ta' Ottubru 2019 l-ispejjeż tal-Atturi kienu ġia jammontaw għal €745.80. Dan l-ammont, li bla dubju kompla jiżdied min wara dik id-data, huwa għal kollox sproporzjonat meta mqabbel ma dak li l-Atturi ħallsu lill-Konvenut għas-servizz tiegħu (ara ammont indikat fin-nota preżentata mill-Konvenut a' fol 54).

Il-Qorti tikkunsidra li l-Konvenut m'għandhux ibati l-ispejjeż kollha għaliex finalment, anke jekk għandhom raġun fil-mertu kienu huma li għażlu il-foro tal-Qrati b'aktar spejjeż. Dan qiegħed jingħad għaliex kif diġa' spjegat kien hemm disponibbli għalihom rimedju daqstant effettiv bi ħlas ta' drittijiet ferm iktar proporzjonat mal-ammont versat lill-Konvenut għas-servizz tiegħu. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-konvenut, kemm minħabba dewmien fil-konsenja tar-ritratti u kif ukoll ix-xorta ta' servizz baqa' inadempjenti mal-obbligi kuntrattwali. Dan jirriżulta ukoll mill-iskambju li kien hemm ta' sms bejn il-partijiet (a' fol58 sa 69). Il-Qorti ħadet ukoll nota tas-system of kondott tal-konvenut fil-każ ta'ordnijiet oħra ta' terzi. Dan joħroġ ċar anke mill-avviżi li ħarġu mid-direttorat Ġenerali għall-Affarijiet tal-Konsumatur (a' fol 70 u 96 u xhieda ta' Lisa D'Amato a' fol 105 sa 113).

Il-Konvenut iddikjara li l-filmat u r-ritratti huma llum lesti u ilhom lesti sa minn Marzu tas-sena 2019 (ara fol 44 faċċata 2 et seq). L-obbligu tiegħu ġie għaldaqstant adempit għalkemm tardivament.

Fit-tieni talba l-Atturi jitolbu l-impożizzjoni ta' penali. Ma jgħidux taħt liema liġi qed jitolbuha. Lanqas fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom ma jispjegaw din it-talba. Ma jgħidu xejn. Fi kwalunkwe każ, jekk il-liġi li qed jirreferu għaliha hija dik il-liġi speċjali taħt il-Kap. 387, din tiddisponi li l-impożizzjoni ta' penali fuq il-konvenut għandha ssir skont l-artikolu 106A u wara li tiġi adoperata l-proċedura stabbilita

fl-artikoli 12 et seq. F'din il-kawża ma ġietx segwita tali proċedura. Għalhekk din it-talba ser tkun miċħuda.

Dwar kif għandha tkun esegwita din is-Sentenza il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 222 tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi li *Jekk it-talba tkun dwar esekuzzjoni ta' fatt, fis-sentenza għandu jingħata żmien, skont iċ-ċirkostanzi, li fih it-tellief għandu jesegwixxi l-fatt, u għandu jingħad ukoll kif għandha tiġi esegwita s-sentenza fin-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-fatt.* Ma hemm ebda dubbju li dak li qed jitlobu l-Atturi huwa eżekuzzjoni ta' fatt. Dan l-artikolu iħalli f'idejn il-Qorti biex tagħti rimedju anke jekk dan ma jkunx srettament mitlub. Għalhekk fl-eżerċizzju ta' dan il-poter din il-Qorti ser tkun qed tikkundanna lill-konvenut jirrifondi l-flus li ħallsu l-Atturi f'każ li jonqos skond iż-żmien li ser jingħata biex jikkonsenja il-prodott ta' forografija lill-Atturi mertu ta' din il-kawża.

Mill-provi jirriżulta li l-Atturi ħallsu lill-konvenut l-ammont ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600). Dan huwa l-ammont li jrid iħallas il-konvenut jekk jibqa' inadempjenti mal-ordni li ser tagħti din il-Qorti.

**Decide:**

Għaldaqstant u għar-raġunijet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tikkundanna lill-Konvenut sabiex fi żmien xahar jgħaddi il-fotografiji u filmati li huwa obbliga ruħhu li jipproduċi lill-Atturi, liema

fotografiji u filmati għandhom ikunu ta’ kwalitá tajba skont is-sengħa u l-arti. Fin-nuqqas il-Qorti qegħda tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-Atturi is-somma ta’ €1,600 kif fuq spjegat bl-imagħxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

**Tiċħad it-tieni talba attriċi**.

**L-Ispejjeż** ta’ din il-kawża kwantu għal tlett kwarti (3/4) a’karigu tal-Konvenut u kwantu għar-rimanenti kwart (1/4) a’ karigu tal-Atturi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**